# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 12**

**Rikors numru 573/2017/1 RGM**

**Bonavia Properties Limited (C 14844) u Victor Bonavia**

**v.**

**Carmelo Pace u Concetta Pace**

1. Il-konvenuti Pace appellaw mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li biha laqgħet it-talba tal-atturi għall-isfilz tat-tweġiba ġuramentata. Appellaw ukoll mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 li biha l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €32,000 rifużjoni ta' somma flus li rċevew mingħand l-atturi fuq konvenju tas-26 ta' Lulju 2008 li bih il-kumpanija attriċi obbligat ruħha li tixtri mingħand il-konvenuti l-garaxx numru 1A, 127, Triq il-Kanonku Bonnici, Ħamrun.

2. Fil-meritu l-kawża titratta dwar konvenju datat 26 ta' Lulju 2008 li sar bejn l-attriċi u l-konvenuti għax-xiri tal-fond fuq imsemmi bil-prezz ta' €37,270. Qabel dakinhar il-konvenuti rċevew is-somma ta' €20,153 u l-bilanċ kellu jitħallas mal-att finali. Il-konvenju kien reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi u ngħatat riċevuta ta' €372 dwar ħlas ta' taxxa proviżorja. Il-konvenju kien validu għal sitt xhur. Skont l-attur matul il-konvenju tħallsu pagamenti oħra akkont tal-prezz għaliex il-konvenuti kienu qalulu li kellhom bżonn il-flus. Il-konvenju skada. Imbagħad fit-23 ta' Ġunju 2017 l-atturi fetħu l-kawża biex jitħallsu lura s-somma ta' €32,000 li qegħdin igħidu li ħallsu lill-konvenuti akkont tal-prezz. Fir-rikors maħluf talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ircevew flejjes minghand l-atturi fuq konvenju li m'ghadux vigenti;*
>
> *2. Tiddikjara illi l-konvenuti ghandhom jirrifondu l-flejjes li rcevew minghand l-atturi fuq il-konvenju msemmi u dana peress it-trasferiment prospettat fl-istess konvenju baqa' ma sarx;*
>
> *3. Tiddikjara illi konsegwentament il-konvenuti huma debituri tal-atturi jew min minnhom fis-somma ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000);*
>
> *4. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi jew min minnhom is-somma ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000)".*

3. Fit-22 ta' Settembru 2017 il-konvenuti rċevew ir-rikors maħluf u avviż ta' smigħ. Il-kawża kienet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2017. Dakinhar dehru l-atturi u d-difensur tagħhom. Il-Qorti osservat li t-terminu għall-preżentata tat-tweġiba kien jagħlaq dakinhar u għalhekk iddiferiet il-kawża għas-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 sabiex

isiru verifiki dwar jekk il-konvenuti ppreżentawx it-tweġiba. B'nota ppreżentata fit-13 ta' Ottubru 2017, il-konvenuti ddikjaraw li kellhom sat-12 ta' Ottubru 2017 sabiex jippreżentaw it-tweġiba, u ppreżentaw ukoll it-tweġiba maħlufa. B'rikors ippreżentat fit-2 ta' Novembru 2017 l-atturi talbu l-isfilz tat-tweġiba għaliex il-konvenuti ma ppreżentawhiex sal-ewwel seduta (Art. 158(13) tal-Kap. 12). Fit-28 ta' Frar 2018 il-konvenuti ppreżentaw rikors u talbu lill-ewwel Qorti sabiex tagħtihom żmien biex jippreżentaw tweġiba maħlufa u rikonvenzjoni. Fir-rikors il-konvenuti ppremettew li t-tweġiba maħlufa ma kinitx ippreżentata fit-terminu stabbilit mil-liġi, tort tal-avukat ta' fiduċja tagħhom. Ma jirriżultax li qatt ingħata digriet dwar dak ir-rikors. Madankollu waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju 2021 l-ewwel Qorti tat digriet dwar it-talba tal-atturi għall-isfilz tat-tweġiba tal-konvenuti u għalhekk it-talbiet fir-rikors tat-28 ta' Frar 2018 ġew eżawriti. Id-digriet tal-20 ta' Mejju 2021 jaqra:-

> *"Il-Qorti rat mill-ġdid ir-rikors tal-atturi tat-2 ta' Novembru 2017 (fol. 35).*
>
> *Ikkunsidrat illi l-konvenuti ma ressqux raġuni suffiċjenti għaliex ir-risposta ġuramenta ġiet preżentata tardivament.*
>
> *Għaldaqstant, tilqa' r-rikors tat-2 ta' Novembru 2017, tiddikjara r-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fit-13 ta' Ottubru 2017 bħala tardiva u konsegwentement tordna l-isfilz tagħha mill-atti, filwaqt li tiddikjara lill-konvenuti kontumaċi".*

Il-konvenuti ma talbux permess lill-Qorti sabiex jappellaw minn dik id-deċiżjoni. Fil-fatt il-konvenuti u d-difensuri tagħhom m'attendewx għas-seduta. L-istess ġara fis-seduta ta' wara, 13 ta' Lulju 2021 meta l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-16 ta' Novembru 2021 għat-trattazzjoni finali.

B'dan li fil-mori tad-differiment il-partijiet ingħataw żmien sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet, kif fil-fatt għamlu.

4. Għal dak li jirrigwarda l-meritu, l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Permezz tal-kawża odjerna l-atturi qed jitolbu mingħand il-konvenuti somma ta' flus allegatament imħallsa mill-atturi lill-konvenuti fuq konvenju li llum skada. Ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li fis-**26 ta' Lulju 2008** Victor Bonavia għan-nom tas-soċjeta' attriċi resaq fuq konvenju li permezz tiegħu intrabat li jixtri mingħand il-konvenuti Pace garaxx ġewwa il-Hamrun filwaqt li l-konvenuti Pace intrabtu li jbiegħu l-istess garaxx lis-soċjeta' attriċi bil-prezz ta' €37,270.*
>
> *Fuq il-konvenju jissemma illi l-prezz pattwit kien ta' sebgħa u tletin elf, mitejn u sebgħin ewro (€37,270) li minnhom kienu ġia' tħallsu qabel dakinhar is-somma ta' għoxrin elf, mija u tlieta u ħamsin ewro (€20,153) u l-bilanċ kellu jitħallas mal-att finali.*
>
> *Il-pagamenti akkont effettwati qabel il-konvenju saru permezz ta' żewġ cheques: is-somma ta' €8,388 permezz ta' cheque datat 25 ta' April 2008 u s-somma ta' €11,647 permezz ta' cheque datat 21 ta' Lulju 2008.*
>
> *Il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-awtorita' fiskali li fis-26 ta' Lulju 2008 irrilaxxjat riċevuta għas-somma ta' tlett mija u tnejn u sebgħin ewro (€372) pagament akkont tal-bolla.*
>
> *L-attur Victor Bonavia ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi sal-jum tal-konvenju huwa kien ġia ħallas lill-konvenut Pace akkont tal-prezz tal-garaxx is-somma ta' €20,153. Jgħid pero' illi wara l-iffirmar tal-konvenut l-konvenut Pace kien talbu xi flejjes oħra akkont tal-preżż peress li kien jinsab f'xi diffikultajiet finanzjarji. L-attur Bonavia spjega li bejn għaliex kien iqis lill-konvenut Pace bħala ħabib tiegħu li kellu bzonn għajnuna u bejn li kellu moħħu mistrieħ għaliex kellu f'idejh il-konvenju fuq il-ġaraxx kien accetta li jivversalu ammonti ta' flus.*
>
> *Is-somma ta' ħdax-il elf, mija u tmemin ewro (€11,180) tħallsu mill-attur lill-konvenut permezz ta' cheque tal-Bank of Valletta plc datat l-1 ta' Awissu 2008 imsarraf mill-konvenut Pace ftit ġranet wara. Jgħid hekk fl-affidavit tiegħu "19. Bħal m'għamilna qabel, apparti ċ-ċekk kont għaddejtlu xi flus kontanti u nfatti d-differenza fil-flus taċ-ċekk għal-flus kontanti hija riflessa fid-dokument (irċevuta) illi huwa iffirmali." L-irċevuta li qed jirreferi għaliha iġġib id-data tal-1 ta' Awissu 2008 u taqra kif ġej:*

*"Jiena Carmelo (Nenu Pace) u Cettina Pace qegħdin nirċievu s-somma ta' ħamest elef, mija u ħamsin liri Maltin Lm5150 equivalenti għal €12,000 euros mingħand Victor Bonavia Idcard 769951M (m) bħala parti mil ħlas ta' Garage il-Ħamrun li xtara mingħandna." U hekk il-firem tal-konvenuti Pace.*

*Jirriżulta għalhekk illi l-ammonti mħallsa mill-atturi akkont tal-prezz tal-ġaraxx komplessivament jammontaw għal tnejn u tletin elf u ħamsa u tletin ewro li l-atturi arrotondawhom għal tnejn u tletin elf ewro (€32,000).*

*Ix-xhieda tal-attur hija korroborata mix-xhieda ta' Joseph Galea, ta' Angelo Bilocca u ta' Carmel Grech.*

*Il-Qorti tqis illi una volta l-konvenju skada il-partijiet iridu jitġoġġew fl-istatus quo ante l-iffirmar tal-konvenju bl-obbligu fuq is-sidien li jirrifondu lill-attur il-pagamenti kollha li saru akkkont tal-prezz,*

*Għaldaqstant tqis illi l-pretensjonijiet attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati u li t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti".*

5. Fir-rikors tal-appell, il-konvenut jilmenta li:

i. L-istat ta' kontumaċja ma kienx tort tiegħu iżda tal-avukat ta' fiduċja tiegħu. Kif irċieva r-rikors maħluf, li kien jaf li għandu jirrispondih, mar mill-ewwel għand l-avukat. Jidher li d-difensur tagħhom ma kienx jaf li kellu jippreżenta t-tweġiba maħlufa sa qabel l-ewwel seduta (ara Art. 158 tal-Kap. 12). Dan kien każ fejn l-imġieba tal-avukat li kienu nkarigaw lill-konvenuti wassal sabiex jispiċċaw kontumaċi. Huma għamlu dak kollu possibbli sabiex iwieġbu għall-kawża tant li riedu wkoll iressqu kontro-talba. Każ fejn l-avukat ta' fiduċja tagħhom kien ħa żball għaliex ħaseb li kellhom 20 jum

sabiex iwieġbu, u m'attendiex għall-ewwel seduta. Fil-fatt ippreżenta t-tweġiba wara t-terminu kontemplat mil-liġi.

ii. Dwar il-meritu tal-kawża, l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li fl-affidavit l-attur qal li fil-25 ta' April 2008 ta ċekk ta' €3,652 lil Carmelo Pace. Ċekk li pero` ħareġ f'isem David Pace, iben il-konvenuti. Inoltre filwaqt li l-istess attur qal li Joseph Galea kien preżenti meta sar il-ħlas, dan il-fatt ma ssemmiex minn Galea. Inoltre l-ebda xhud ma qal li l-ħlas li sar lil David Pace kien ħlas akkont tal-prezz għall-akkwist tal-fond oġġett tal-kawża. Għalhekk kien hemm dubju dwar kemm il-pagamenti saru kollha sabiex jinxtara l-garaxx.

6. L-atturi wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

7. Fir-rigward tal-ilment tal-konvenuti li l-ewwel Qorti laqgħet it-talba għall-isfilz tat-tweġiba ġuramentata li ppreżenta fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tosserva li:

i. Quddiem l-ewwel Qorti l-konvenuti ma xehdux sabiex jiġġustifikaw għalfejn baqgħu kontumaċi. Fir-rikors tal-appell ibbażaw l-ilment tagħhom fuq dak li hemm fl-atti, fis-sens li kien tort tal-avukat li ma qalilhomx li kellhom sal-4 ta' Ottubru 2017 sabiex jippreżentaw it-tweġiba ġuramentata.

ii. Għalkemm b'nota preżentata fit-13 ta' Ottubru 2017 b'referenza għall-verbal tal-4 ta' Ottubru 2017 iddikjaraw li t-terminu ta' għoxrin jum jagħlaq fit-12 ta' Ottubru 2017, skont l-Art. 158(13) tal-Kap. 12 ir-risposta kellha tiġi preżentata *"....mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta .......".* Peress li sal-ewwel seduta (4 ta' Ottubru 2017) il-konvenuti ma ppreżentawx ir-risposta, minn dakinhar kienu kontumaċi.

iii. F'affidavit tal-avukat Jan Karl Farrugia (fol. 111) li ppreżenta minn jeddu fi żmien meta ma kienx baqa' jassisti lill-konvenuti, spjega li fit-28 ta' Settembru 2017 kien iltaqa' u ddiskuta l-kawża mal-konvenuta u David Pace (iben il-konvenuti u klijent tiegħu). F'dik il-laqgħa David Pace, *"4..... kien għamel xenata sħiħa li ma kellux flus peress li ma kienx qed jaħdem u li ma riedx jonfoq xejn biex iwieġeb lil*

*Bonavia"*. Qal ukoll li nfurmahom li kellhom sat-12 ta' Ottubru 2017 sabiex jippreżentaw ir-risposta maħlufa. Pero` meta ġie ż-żmien sabiex jippreżentaw t-tweġiba, iben il-konvenuti reġa' nfurmah li ma kellux il-flus. Għalhekk peress li kien jaf li David Pace kien jagħti servizz lill-klijent ieħor tiegħu, kien għamel arranġament ma' dak il-klijent sabiex David Pace jingħata ħlas bil-quddiem sabiex ikollu l-likwidita` biex iħallas l-ispejjeż tal-qorti. Ħlas li sar fit-12 ta' Ottubru 2017 f'ħin meta r-reġistru tal-qorti kien magħluq, u fit-13 ta' Ottubru 2017 il-konvenuti ppreżentaw r-risposta maħlufa. Il-verżjoni li ta lil Dr Jan Karl Farrugia ma ġiet kontradetta minn ħadd. Dak li xehed l-avukat Farrugia tikkontradiċi dak li ppremettew il-konvenuti fir-rikors tat-28 ta' Frar 2018, li *".... r-risposta ma ġietx ippreżentata fit-terminu minħabba raġuni indipendenti mill-volonta tal-esponenti u magħrufa biss mill-uffiċċju legali li kien jippatroċina lill-esponenti"* (fol. 62). Hu evidenti li l-konvenuti ħallew f'idejn binhom, kif jirriżulta wkoll mir-rikors li bih talbu lill-ewwel Qorti sabiex tawtorizzahom jippreżentaw it-tweġiba maħlufa (28 ta' Frar 2018).

8. Ma tressqitx prova dwar x'kienet il-qagħda finanzjarja tal-konvenuti fiż-żmien li suppost ippreżentaw it-tweġiba ġuramentata. David Pace ma kienx konvenut fil-kawża.

9. Għalkemm il-konvenuti argumentaw li m'għandhomx tort li ma ppreżentawx it-tweġiba ġuramentata peress li ngħataw parir ħażin mill-avukat li assistihom dwar id-data meta kellha tiġi preżentata t-tweġiba ġuramentata, ma jistgħux jiġġustifikaw il-kontumaċja billi jippuntaw subgħajhom lejn l-avukat li huma stess inkarigaw minħabba parir li kien tahom. Il-ħtija tar-rappreżentant hi ħtija tar-rappreżentat. F'kull każ hu evidenti li wkoll kieku l-avukat qalilhom li t-tweġiba ġuramentata kellha tiġi preżentata mhux iktar tard mill-ħin tal-ewwel seduta, ma kien ser jinbidel xejn. Fil-fatt mill-affidavit tal-avukat Farrugia, prova mhux kontradetta, irriżulta li kienet fuq inizjattiva tiegħu li iben il-konvenuti ngħata flus bil-quddiem minn terzi dwar servizzi li kien jagħtihom, sabiex ikollu biex iħallas l-ispejjeż tat-tweġiba ġuramentata. Ħlas li sar wara li kien diġa` skada t-terminu perentorju li fih kellha tiġi ppreżentata t-tweġiba ġuramentata.

10. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma tawx raġuni li tiġġustifika l-kontumaċja. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

11. It-tieni aggravju tal-konvenuti jitratta l-meritu tal-kwistjoni. Il-konvenuti lmentaw li:

i. Iċ-ċekk tal-25 ta' April 2008 għas-somma ta' Lm3,652 inħareġ f'isem David Pace, iben il-konvenuti. Ix-xhud Joseph Galea ma kkorraborax il-verżjoni tal-attur li kien preżenti meta ngħata dak iċ-ċekk. Inoltre, l-ebda wieħed minn dawk li xehdu m'għamlu referenza għal dak iċ-ċekk. Għalhekk hemm kunflitt ta' provi li kellu jmur favur il-konvenuti.

ii. L-atturi approfittaw ruħhom minn żewġ ittri mibgħuta lill-attur mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar ħruġ ta' permessi ta' żvilupp li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-fond in kwistjoni. Ittri mibgħuta snin wara li skada l-konvenju fit-22 ta' Jannar 2009.

12. L-ilmenti tal-konvenuti m'għandhom l-ebda bażi meta tqis:

i. Fil-konvenju li ffirmaw il-partijiet fit-23 ta' Lulju 2008 jingħad li s-somma ta' €20,153 diġa` tħallset, u l-bilanċ jitħallas mal-att finali. Ġara li fl-1 ta' Awwissu 2008 sar pagament ieħor lill-konvenut ta' €11,180 permezz ta' ċekk li ssarraf. Fil-fatt b'riċevuta bl-istess data, il-konvenuti kkonfermaw li kienu rċevew is-somma ta' €12,000 *"bħala parti mill-ħlas ta' garage il-Ħamrun li xtara mingħandna"*.

ii. Iċ-ċekk li ħarġet il-kumpanija attriċi datat 25 ta' April 2008 għas-somma ta' €8,388 u li l-konvenuti qegħdin isostnu li mhuwiex prova li dak il-ħlas sar għax-xiri tal-garaxx, mhuwiex rilevanti għaliex il-konvenju sar wara l-imsemmija data, u fih il-partijiet iddikjaraw is-somma li tħallset lill-konvenuti qabel il-konvenju. Id-dikjarazzjoni fil-konvenju hi l-aħjar prova.

iii. M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenju skada u għalhekk tilef l-effetti kollha tiegħu. B'hekk kif qalet l-ewwel Qorti, *"il-partijiet iridu jitpoġġew fl-istatus quo ante l-iffirmar tal-konvenju bl-obbligu fuq is-sidien li jirrifondu lill-attur il-pagamenti kollha li saru akkont tal-prezz"*. Ġialadarba l-konvenju m'għandux iktar effett, il-fatt li l-atturi ma jidhirx li nterpellaw lill-konvenuti b'ittra uffiċjali skont l-Art. 1357 tal-Kodiċi Ċivili, ma jippreġudikax il-jedd tagħhom li jitħallsu lura l-flus li taw lill-konvenuti bħala akkont tal-prezz.

iv. L-ittri li l-konvenuti għamlu referenza għalihom ma kinux ir-raġuni li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tordna r-rifużjoni tas-somma ta' €32,000 lill-atturi. Tant hu hekk li lanqas issemmew fil-konsiderazzjonijiet dwar il-meritu.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontrihom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr